# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Gunju 2017**

Rikors Guramentat Nru.  165/ 13RGM

Kawza fil-lista:  20

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-20 ta' Awwissu 2013 li permezz tieghu intalab *inter alia* illi l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-rikors kongunt tas-16 ta' Gunju 2017 li permezz tieghu l-Qorti giet mitluba sabiex it-talba ghas-separazzjoni personali maghmula fil-kawza odjerna permezz tar-rikors guramentat fuq imsemmi titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

**Artikolu 66F tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tara illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.

**Artikolu 66B tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi divorzju jista' jigi pronunzjat jekk (a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tasseparazzjoni legali; u (b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u (ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.

Illi mill-atti jirrizulta:-

a. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ta' mill-anqas erba' snin;
b. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
c. Illi qed jithallas manteniment adegwat ghall-minuri.

Ikkonsidrat illi jezistu l-estremi sabiex it-talba ghas-separazzjoni personali titqies bhala talba ghal pronunzjament tad-divorzju.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi r-rikors tas-16 ta' Gunju 2017 billi prevja li tiddikjara li jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, tilqa' r-rikors u bis-sahha tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tordna illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'din il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**